# Il-ġbir u l-qsim tad-dejta marbuta mas-servizzi tal-kiri ta' postijiet fejn toqgħod għal żmien qasir - il-fehma ta' Airbnb

## 1. TAQSIRA:

Minħabba l-kriżi tal-għoli tal-ħajja li dejjem qed jikber b'rata mgħaġġla ħafna, għadd dejjem ikbar ta' ċittadini Ewropej qed jagħżlu li jilqgħu n-nies. **Iktar minn 40% ta' dawk li qed jilqgħu n-nies fuq Airbnb ġewwa l-UE jgħidu li qed jagħmlu hekk biex jagħmlu tajjeb għall-għoli tal-ħajja.**[1]

Aħna nemmnu li regoli ċari, xierqa u ħfief jistgħu jgħinnu lill-Hosts igawdu mill-benefiċċji tal-ospitalità u jlaħħqu mal-ispejjeż tal-ħajja. Diġà qed naħdmu mal-leġiżlaturi tal-UE biex noħolqu u nużaw regoli ġusti u trasparenti dwar il-kirjiet għal żmien qasir (STR) u biex niżguraw li l-qsim tad-djar isir b'mod responsabbli. **Għalhekk Airbnb qed tilqa' l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea** għal Regolament dwar il-ġbir u l-qsim tad-dejta marbuta mal-kiri għal żmien qasir.

**Nemmnu wkoll li l-UE tista' tagħmel iktar minn hekk**. Airbnb dejjem tkellmet dwar il-ħtieġa ta' politika iktar koordinata għall-kiri għal żmien qasir u għal dak kollu marbut mat-turiżmu fis-suq waħdieni tal-Unjoni Ewropea. Dak li ġara minħabba l-COVID uriena kemm hu importanti li jkollna politika waħda fuq livell Ewropew biex niżguraw li s-settur ikun jista' jkompli jeżisti, jaddatta u jikber b'mod sostenibbli. Ir-reazzjoni tagħna għal din il-Proposta hija msejsa fuq it-twemmin tagħna għal ħtieġa ikbar għall-koordinazzjoni u armonizzazzjoni fuq livell tal-UE - permezz ta' entità indipendenti, Aġenzija tat-Turiżmu jew entità oħra: l-għan aħħari tagħna huwa li **niżguraw li d-dokument aħħari fil-fatt iwassal għal regoli komuni u xierqa, b'mod partikolari għal Hosts tal-postijiet fejn toqgħod mikrija għal żmien qasir.** Mill-esperjenza li ksibna fil-ħidma tagħna mal-Istati Membri tal-UE u ma' stati oħra madwar id-dinja, nixtiequ naqsmu ftit ideat fuq kif nistgħu nħaffu u nqarrbu lejn xulxin il-proċessi tal-qsim tad-dejta għall-pjattaformi, għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet. Nixtiequ wkoll li l-Kummisjoni Ewropea tieħu rwol ikbar ħalli tiżgura li l-proċess tar-reġistrazzjoni mal-awtoritajiet ikun xieraq u ġust.

F'dan id-dokument, Airbnb titkellem dwar l-oqsma li jistgħu jitjiebu fil-Proposta:

1. Li jinħoloq qafas ta' qsim tad-dejta komuni li jaħdem u l-ħolqien ta' **Sors ta' Dejta wieħed fuq livell tal-UE (minflok fuq livell nazzjonali)** biex iħaffef il-pro1ess tal-qsim tad-dejta skont il-document tagħna [EU Host Action Plan](EU Host Action Plan).
2. Li **tingħata setgħa ikbar lill-Kummissjoni Ewropea** (bħala entità responsabbli mill-Grupp għall-Koordinazzjoni tas-Sors ta' Dejta Waħdieni) biex tqis u tivverifika kemm huma xierqa l-proċess ta' reġistrazzjoni u r-regoli l-oħra marbuta mal-kiri għal żmien qasir mitluba mill-awtoritajiet.

[1] Skont stħarriġ ta' Airbnb ma' iktar minn 36,000 Host b'bookings bejn l-1 ta' Ġunju 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021 li ġew mistħarrġa bejn is-17 ta' Frar 2022 u l-31 ta' Marzu 2022. Marġni ta' żball ta' inqas minn 2%. Iktar dettalji minn hawn.

3. Li **<u>nħarsu lejn l-obbligi</u>** ġejjin mid-Direttiva tas-Servizzi f'każijiet fejn **ir-regoli esaġerati marbuta mal-kiri għal żmien qasir imorru lil hinn mill-għan ta' dil-**Proposta.

## 2. PASS IMPORTANTI 'L QUDDIEM:

Aħna naqblu mal-istrateġija ġenerali tal-Kummissjoni li:

- Tagħraf għadd ta' **prinċipji ġenerali li l-iskemi tar-reġistrazzjoni tal-kiri għal żmien qasir huma msejsa fuqhom** mingħajr ma tħares lejn kif tinqasam id-dejta (Art. 4). Ħafna drabi, ir-regoli tal-kiri għal żmien qasir imposti mill-awtoritajiet tal-ibliet huma ta' xkiel u kkumplikati biex il-Hosts tal-postijiet għall-kiri għal żmien qasir jimxu magħhom - l-iktar il-Hosts iż-żgħar. Pereżempju, ġewwa Berlin, il-Hosts kollha huma meħtieġa jgħaddu minn proċess iebes offlajn biex jirreġistraw u jiksbu l-permessi tagħhom, anke jekk jilqgħu n-nies fir-residenza ewlenija tagħhom. Dil-Proposta għar-regolament tispjega x'nifhmu bi skemi ta' reġistrazzjoni ġusti u xierqa għall-Hosts fl-Istati Membri kollha tal-UE u hija miktuba bil-ħsieb li jitħares il-prinċipju tas-suq waħdieni.
- Ma tagħtix aċċess għad-dejta ta' kif qed jintlaqgħu n-nies fil-postijiet għall-kiri għal żmien qasir jekk ma jkunx hemm skemi ta' reġistrazzjoni xierqa u regoli għall-kiri għal żmien qasir skont l-oqsfa legali tal-UE (Art. 12.2(b)) – fi kliem ieħor, **l-awtoritajiet m'għandhomx ikunu jistgħu jiksbu aċċess għad-dejta sakemm ma jkunux qed jaqdu l-obbligi tagħhom skont il-liġijiet tal-pajjiż u dawk Ewropej**.
- Aħna favur l-obbligu li l-Istati Membri joħolqu u jżommu **reġistru ta' numru tar-reġistrazzjoni (Art. 4.4)** biex b'hekk ikun hemm iktar trasparenza u ċertezza legali, kemm għall-Hosts kif ukoll għall-pjattaformi, ħalli b'hekk il-pjattaformi jkunu jistgħu jwettqu spezzjonijiet każwali b'mod awtomatiku (Art. 7.1 (ċ)).

## 3. OQSMA GĦAL TITJIB IKBAR:

Airbnb temmen ukoll li biex dal-qafas għall-qsim tad-dejta l-ġdid jaħdem, **il-Proposta għandha titwessa'** biex, mhux biss il-proċessi għall-qsim tad-dejta jkunu eħfef għall-pjattaformi, għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet, imma wkoll biex il-proċess ikun ġust u xieraq għall-Hosts iż-żgħar. Hawn taħt se nsemmu xi oqsma li jistgħu jitjiebu iktar.

- **Il-ħolqien ta' qafas għall-qsim tad-dejta li jaħdem:**

Airbnb tagħraf il-ħidma li wettqet il-Kummissjoni bil-għan li l-obbligi għall-qsim tad-dejta mill-pjattaformi madwar l-UE jkunu jaqblu bejniethom - pereżempju billi fissret b'mod ċar x'tipi ta' dejta għandhom jinqasmu mill-pjattaformi l-kbar u kemm ta' sikwit għandhom jagħmlu hekk (Art. 9.1).

Biss it-tfassil tal-qafas tal-qsim tad-dejta għadu f'idejn il-gvernijiet nazzjonali. Il-fatt li jeżistu 27 sistema għall-qsim tad-dejta "differenti" jżid il-probabbiltà li s-sistemi tekniċi jaħdmu b'modi differenti f'kull Stat Membru u għalhekk jaf ikun hemm dewmien biex inwettqu l-obbligi tagħna (kif ġralna dal-aħħar fil-każ tal-API nazzjonali Franċiż). Mill-esperjenza tagħna nibnu dawn is-servizzi, kull differenza teknika bejn is-sistemi nazzjonali teħtieġ sistema differenti min-naħa tagħna. Dan iwassal għal spejjeż kbar biex naqdu l-obbligi tagħna u għal sistema ġdida min-naħa tagħna għal kull pjattaforma, kull Stat Membru u kull awtorità lokali tagħhom.

Huwa importanti ħafna li l-Proposta, minflok toħloq iktar differenzi, tilħaq l-għanijiet tagħha biex tiċċara, tqarreb lejn xulxin u tħaffef il-proċessi tal-qsim tad-dejta. **Għalhekk qed inkomplu nisqħu għal Sors ta' Dejta Waħdieni għall-Unjoni Ewropea kollha (minflok wieħed għal kull pajjiż) biex inħaffu u nnaqsu l-ħidma meħtieġa għall-qsim tad-dejta.** Pjattaforma teknika waħda dwar il-postijiet tal-kiri għal żmien qasir tkun mhux biss aħjar għall-pjattaformi tal-qsim tad-djar imma l-Istati Membri jmorru aħjar ukoll għax ikollhom sistema ħafifa u effiċjenti biex jieħdu ħsieb u jiksbu r-rapporti dwar dat-tip ta' postijiet.

Mill-inqas, huwa kruċjali li l-Kummisjoni tniedi att ta' implimentazzjoni (kif imsemmi f'Art. 10.5) li jagħti l-istandards tekniċi ta' kif il-pjattaformi għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw mas-sistemi nazzjonali u li jikkonfermaw ir-rwol konsultattiv tal-pjattaformi f'dal-proċess ħalli s-sistemi tekniċi li jinħolqu jkunu tajbin biżżejjed u jkunu jistgħu jitwettqu provi tekniċi biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tagħhom mal-għodod tal-qsim tad-dejta tal-pjattaformi. B'hekk ikun hemm iktar stabbiltà teknika u kulħadd ikollu moħħu mistrieħ li l-qafas tal-qsim tad-dejta jkun jista' jilħaq l-għan li tfassal għalih.

B'rabta ma' dan ta' hawn fuq - wieħed jistenna li dawk kollha li għandhom sehem fil-proċess jibdew jaqdu l-obbligi tagħhom skont dil-Proposta fi żmien 24 xahar minn mindu tidħol fis-seħħ (Art. 19). Biss il-qadi tal-obbligi mill-pjattaformi jiddependi fuq meta partijiet oħra li għandhom sehem fil-proċess jaqdu l-obbligi tagħhom. Pereżempju, meta u kif l-awtoritajiet idaħħlu fis-seħħ il-proċess tar-reġistrazzjoni xieraq skont ma titlob dil-Proposta u kif u meta l-Istati Membri joħolqu s-Sors ta' Dejta Waħdieni tagħhom u s-sistemi tekniċi biex ikunu jistgħu jirċievu d-dejta. **Airbnb għalhekk qed titlob programm pass pass għad-dħul fis-seħħ tal-qadi tal-obbligi. Il-pjattaformi għandhom jingħataw 12-il xahar ċans biex jibdew iwettqu l-obbligi tagħhom (fosthom biex jiċċekkjaw li s-sistemi tagħhom ikunu kompatibbli mas-sistemi tekniċi nazzjonali) wara li l-Istati Membri jkunu ngħataw 12-il xahar huma wkoll biex iwettqu l-obbligi tagħhom.** B'hekk il-proċess ikun iktar ċar u mingħajr intoppi għal dawk kollha li għandhom sehem fil-proċess.

- **Setgħa ikbar għall-Kummissjoni Ewropea** biex tqis u tivverifika kemm huma kompatibbli l-proċess ta' reġistrazzjoni u r-regoli l-oħra marbuta mal-kiri għal żmien qasir mitluba mill-awtoritajiet**:**

**Airbnb tixtieq li l-Kummissjoni Ewropea tingħata rwol ikbar biex tqis u tivverifika jekk il-liġijiet u l-iskemi tar-reġistrazzjoni lokali humiex jimxu mal-oqsfa legali tal-UE u jekk hux iwasslu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dil-Proposta (żieda ma' Art. 11).** Il-Proposta tikkonferma li huma l-Istati Membri li għandhom jivverifikaw li l-iskemi tar-reġistrazzjoni ġodda u diġà fis-seħħ tagħhom ikunu jilħqu l-għanijiet ta' dil-Proposta u tad-Direttiva tas-Servizzi tal-UE (Art. 12.2(b)). Sfortunatament, il-fatt li l-Istati Membri biss kienu responsabbli biex jiżguraw dan wassal biex il-Hosts ikollhom esperjenzi differenti u għalhekk is-suq waħdieni ma baqax daqshekk magħqud. Aħna nemmnu li l-Kummissjoni għandu jkollha rwol iktar b'saħħtu biex tħares il-prinċipji tas-suq waħdieni u biex tiżgura li r-regoli lokali jkunu xierqa biex jilħqu l-għanijiet ta' din il-Proposta, l-iktar l-għan li tgħin lill-Hosts iż-żgħar u lill-Hosts privati jaċċessaw is-suq tal-kiri għal żmien qasir.

- Inħarsu lejn id-Direttiva tas-Servizzi f'każijiet fejn **ir-regoli esaġerati marbuta mal-kiri għal żmien qasir imorru lil hinn mill-għan ta' dil-**Proposta**:**

Dil-Proposta mhix issemmi sitwazzjonijiet fejn hemm regoli lokali esaġeratament mhux xierqa li jmorru lil hinn mill-obbligu tar-reġistrazzjoni u l-qsim tad-dejta. Għalhekk mhux se ssemmi sitwazzjonijiet bħal dawk ta' Barċellona fejn il-kiri tal-kmamar fir-residenzi ewlenin ma jistax isir, xi ħaġa li tolqot ħażin ħafna lill-Hosts iż-żgħar u l-Hosts privati. Jew il-każ ta' Berlin fejn il-Hosts li jilqgħu n-nies fir-residenza ewlenija tagħhom jeħtieġu permess li rari jingħata u li għandu ħafna limitazzjonijiet marbutin miegħu. Jew il-każ ta' Amsterdam, fejn il-Hosts jistgħu jilqgħu n-nies fir-residenzi ewlenin biss biex jiksbu l-permess u ma jistgħux jilqgħu n-nies għal iktar minn 30 jum fis-sena. Jew il-każ ta' Brussell, fejn biex il-Hosts jiksbu numru tar-reġistrazzjoni jeħtiġilhom jgħaddu minn proċess iebes u kumplikat u biex iżommu l-permess huma mifnija b'limitazzjonijiet kbar. Dan minkejja li l-Kummissjoni fetħet Proċeduri ta' Ksur kontra r-Renju tal-Belġju.

Filwaqt li fil-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet tagħha l-Kummissjoni temmen li trasparenza u ġbir ta' dejta ikbar se jwasslu għal teħid ta' deċiżjonijiet iktar infurmat u xierqa, jista' jiġri wkoll bil-kontra: id-dejta tista' tintuża mill-awtoritajiet biex idaħħlu fis-seħħ regoli esaġerati li jagħmlu ħsara lill-Hosts tal-postijiet għall-kiri għal żmien qasir.

**Lil hinn minn dil-Proposta, Airbnb tappella lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni iktar malajr u iktar effiċjenti biex tiżgura li l-obbligi ġejjin mid-Direttiva dwar is-Servizzi jkunu qed jitwettqu u biex tħares is-suq waħdieni, fosthom billi tqajjem mingħajr dewmien kwistjonijiet marbuta mal-liġi tal-UE mal-awtoritajiet meta tkun ċara li r-regoli dwar il-kiri għal żmien qasir ma jkunux skont l-oqfsa legali tal-UE u biex tiftaħ Proċeduri ta' Ksur kontra l-Istati Membri li ma jkunux qed iwettqu l-obbligi tagħhom.** Airbnb tixtieq tfakkar li mhux il-pjattaformi tal-kiri għal żmien qasir biss għandhom jaqdu l-obbligi tagħhom imma l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali għandhom l-obbligi tagħhom li mistennija jwettqu.

## 4. KWISTJONIJIET TEKNIĊI OĦRA:

- **Ir-rekwiżiti tal-ġbir tad-dejta mill-pjattaformi għandhom ikunu msejsa fuq il-prinċipji tal-ġbir tal-inqas kwantità ta' dejta meħtieġa biex jintlaħaq l-għan.** Il-pjattaformi għandhom jirrapportaw biss dejta li jiġbru bħala parti mill-ħidma tagħhom ta' kuljum. Pereżempju, il-Proposta ssemmi l-obbligu li l-pjattaformi jirrappurtaw in-numru ta' nies li joqogħdu f'post li jkun ġie bbukkjat magħhom. Biss aħna niġbru biss in-numru ta' klijenti li jkunu bbukkjaw biex joqogħdu f'post. Barra minn hekk, din l-informazzjoni tinbidel ta' sikwit (eż. minħabba aċċidenti tal-ivvjaġġar jew il-bidliet tal-aħħar minuta) u għalhekk ma toffri l-ebda siwi biex wieħed jifhem l-attività tal-klijenti tal-postijiet għall-kiri għal żmien qasir. Airbnb għalhekk qed titlob lil-leġiżlaturi biex ineħħu dit-tip ta' dejta minn Art. 3.11 jew, għall-inqas, jiċċaraw li d-dejta li trid tingħata hija dik li tinġabar mill-pjattaforma meta jsir il-booking.

- **Prinċipji għar-reġistrazzjoni:** minbarra l-prinċipji tar-reġistrazzjoni imsemmija f'Art. 4, il-Proposta għandha tgħid ukoll li l-**proċess tar-reġistrazzjoni għall-Hosts għandu jkun bla ħlas** biex ma jkunilhomx ta' xkiel biex jidħlu fis-suq, biex jgħinhom iwettqu l-obbligi tagħhom u biex jiżgura li jkun proċess xieraq għall-Hosts kollha, fosthom il-Hosts iż-żgħar u l-Hosts privati.

- **Eżenzjonijiet mir-reġistrazzjoni għall-Hosts:** Airbnb qed titlob iktar dettalji dwar kif għandha ġġib ruħha fejn jidħol l-obbligu tal-qsim tad-dejta fil-każ tal-Hosts li huma eżenti mir-reġistrazzjoni. Ħafna awtoritajiet nazzjonali u lokali jeżentaw ċerti tipi ta' postijiet fejn toqgħod (bħal dgħajjes, kmamar privati, lukandi, postijiet fejn toqgħod residenzjali mhux tradizzjonali, eċċ.), kuntratti (jiġifieri dawk irreġistrati direttament mal-awtoritajiet tat-taxxa, bħal pereżempju ġewwa l-Portugall) jew kirjiet fit-tul (skont it-tifsira mogħtija lilhom mil-liġijiet lokali jew nazzjonali) milli jirreġistraw u milli jwettqu obbligi oħra, jiġifieri dawn il-Hosts ma jeħtiġux numru tar-reġistrazzjoni biex jilqgħu n-nies.

  Il-Proposta għandha tagħraf dan billi tħalli lill-pjattaformi jagħtu l-għażla lill-Hosts jiddikjaraw li huma eżenti mill-proċedura tar-reġistrazzjoni taż-żona tagħhom u billi kull tant żmien titlob lill-pjattaforma taqsam b'mod każwali mal-awtoritatjiet id-dettalji ta' xi Hosts eżenti biex dawn ikunu jistgħu jivverifikawhom bl-istess proċedura li tintuża għan-numru tar-reġistrazzjoni skont Art. 6.

- **Verifiki każwali:** Airbnb tifhem li għandha sehem x'tagħti biex tgħin lill-Hosts iwettqu l-obbligi tagħhom. Aħna nifhmu li spezzjonijiet każwali (Art. 7.1(ċ)) jistgħu jkunu siewja biex l-awtoritajiet isibu każijiet fejn l-obbligi ma jkunux qed jitwettqu. Biss huwa kruċjali li l-obbligi f'dal-qasam, l-iktar dawk marbuta mas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont it-tifsira mogħtija lilha mid-Direttiva tal-Kummerċ Elettroniku 2000/31, ma jmorrux kontra Art. 31 tal-att dwar is-servizzi diġitali ("Compliance by Design") u l-interpretazzjonijiet li ngħataw biex jiċċaraw dak id-dokument legali, fosthom anki dak kollu marbut mal-ispezzjonijiet awtomatiċi u każwali/limitati maħsuba biex ma jkunx hemm obbligu ta' għassa ġenerali mill-pjattaformi (kif insibu f'punt 16). Min-naħa l-oħra, jekk il-pjattaformi jkunu jixtiequ

jivverifikaw iktar dettalji, dawn għandhom ikunu jistgħu jgawdu mill-prinċipju tas-"sammaritan it-tajjeb" li jissemma fl-att dwar is-servizzi diġitali (Art. 7).

***

Il-Proposta tal-Kummissjoni hija bidu tajjeb ħafna. Issa qed nitolbu lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri biex jiżguraw li dil-Proposta tidħol fis-seħħ u tilħaq l-għanijiet tagħha. Qed nistennew bil-ħerqa biex nibdew naħdmu ma' dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet.

**Airbnb**
**Diċembru 2022**

---

**ANNESS: Sir af iktar dwar il-komunità ta' Airbnb fl-Ewropa**

**Għaċ-ċittadini tal-UE, il-fatt li jistgħu jilqgħu n-nies fuq Airbnb huwa opportunità ekonomika importanti – kemm biex iżidu mad-dħul tagħhom u kif ukoll biex idawwru iktar ir-rota ekonomika tal-komunitajiet Ewropej.** Iktar minn 40% tal-Hosts ta' Airbnb ġewwa l-UE jgħidu li jaqsmu djarhom biex ikunu jistgħu jlaħħqu maż-żieda fl-għoli tal-ħajja. Fl-2021, il-medja tad-dħul tal-Hosts kienet ftit iktar minn €3,000. Huma u jilqgħu n-nies, il-Hosts ta' Airbnb ġewwa l-UE bejniethom daħħlu iktar minn €43 biljun - u jieħdu l-ewwel post fost ir-reġjuni kollha tad-dinja fl-għadd ta' nies li laqgħu. Il-biċċa l-kbira tal-Hosts ġewwa l-UE għandhom listing wieħed biss (fil-każ ta' miljun mill-1.34 miljun Host tal-UE għall-2021) u ħafna minn dawn il-listings jinsabu barra ċ-ċentri urbani, għalhekk il-benefiċċji tat-turiżmu qed jinqasmu mal-familji u l-komunitajiet tal-post. Fl-2019, 345,000 post tax-xogħol ġewwa l-UE kienu jiddependu mill-vjaġġi fuq Airbnb u n-nefqa tan-nies li vvjaġġaw ma' Airbnb wasslet għal żieda ta' kważi €19-il biljun fil-Prodott Gross Domestiku Ewropew.

Airbnb tixtieq tkun parti mis-soluzzjoni għall-isfidi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-komunitajiet. Diġà qed naħdmu mal-leġiżlaturi tal-UE biex jinħolqu u jiddaħħlu fis-seħħ regoli ġusti u trasparenti dwar il-kiri għal żmien qasir u l-qsim tad-djar b'mod responsabbli.

- Ħdimna mal-awtoritajiet lokali u nazzjonali madwar l-UE kollha biex fi bliet ġewwa Franza, in-Netherlands, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Portugall, Katalunja, id-Danimarka u l-Greċja **jinħolqu skemi ta' reġistrazzjoni onlajn u li ma jkunux ikkumplikati biex jintużaw mill-Hosts**. Bdejna naħdmu wkoll mal-awtoritajiet ġewwa l-Italja, l-Irlanda u Brussell biex noħolqu jew intejbu l-proċessi ta' reġistrazzjoni f'dawn il-ġurisdizzjonijet flimkien.

- Tajna wkoll aċċess lil 174 gvern jew awtorità Ewropea għall-**Portal tal-Belt** – il-pjattaforma ta' Airbnb maħsuba biex il-gvernijiet ikunu jistgħu jaċċessaw id-dejta ta' Airbnb. Airbnb hija l-unika pjattaforma tal-kiri għal żmien qasir li bniet għodda apposta għall-gvernijiet Ewropej.
- Il-**ħidma mill-qrib għall-ġbir tat-taxxi fuq it-turisti** min-naħa ta' Airbnb wasslet ukoll biex ġbarna u ħallasna f'isem il-Hosts $6 biljun USD f'taxxi fuq it-turisti minn madwar id-dinja kollha, **li minnhom €511 miljun ($573 miljun USD) nġabru u tħallsu ġewwa l-UE**.[2]
- Diġà qed naqsmu d-**dejta dwar id-dħul tal-Hosts** mal-awtoritajiet tat-taxxa Ewropej, fosthom dawk Franċiżi, Spanjoli, Daniżi u Estonjani. Aħna naqblu bis-sħiħ mad-direttiva DAC 7 tal-UE li mis-sena d-dieħla se toħloq qafas waħdieni biex il-pjattaformi jirrappurtaw id-dħul tal-Hosts.
- Mill-2020 'l hawn, flimkien ma' pjattaformi oħra għall-kiri għal żmien qasir, qed niġbru u naqsmu dejta fuq livell tal-UE mal-**Eurostat**[3].
- Airbnb għenet ukoll lill-komunitajiet u l-awtoritajiet lokali f'għadd ta' oqsma marbuta mal-**fiduċja u s-sigurtà**. Fosthom insibu n-numri tat-telefown tal-Għajnuna lill-Viċinat biex nevitaw problemi bl-istorbju u l-fastidju u biex niżguraw li l-klijenti ma jiksrux il-projbizzjoni tal-parties fil-listings madwar id-dinja kollha
- u nużaw l-għarfien teknoloġiku tagħna, fosthom l-għodod għall-vjaġġi flessibbli, biex innaqqsu l-miġemgħa tat-turisti u ngħinu lit-turisti jiskopru dawk il-postijiet li l-iktar ikunu jeħtieġu ż-żjara tagħhom.

Nittamaw li l-istrateġija suġġerita mill-Kummissjoni fil-Proposta tagħha tkun tista' tgħin toffri iktar stabbiltà legali għall-pjattaformi u b'hekk tgħina naħdmu iktar fil-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u lokali filwaqt li niżguraw li l-qsim tad-dejta jsir skont il-liġi tal-UE, l-iktar ir-Regolament Ġenerali għall-Ħarsien tad-Dejta.

**Għal iktar informazzjoni aqra r-rapporti li ġejjin (f'ordni kronoloġiku):**

- How Airbnb Supports Sustainable Travel in Europe (Novembru 2022)
- Airbnb welcomes EU rules proposals (Novembru 2022)
- Airbnb’s Flexible Search boosts sustainable travel in Europe (Novembru 2022)
- Europeans turn to hosting as cost of living rises (Ottubru 2022)
- New survey: EU Hosts use Airbnb income to afford rising living costs (Mejju 2022)
- Oxford Economics Analysis: 2019 Airbnb Guest Community Supported 300,000 Jobs in 30 Communities (Mejju 2021)

[2] L-aħħar aġġornament seħħ nhar il-31 ta' Awwissu 2022
[3] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_20_194